Minuti tal-Laqgħa Nru. 6 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar 2011 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Gejtu Calleja<br>Is-Sur. Raymond Ellul<br>Is-Sur. Martin Borg |
| Skużat | Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

- Qari tal-minuti tal-laqgha ta qabel
- Punti mqajjma mill-minuti
- Xogħolijiet
- Other matters
- Egħluq il-laqgha

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.0 Is-Sur. Borg saqsa x' kien ġara mill-Iskema tal-Housing Authority li kienet ħarġet fuq l-oqsma tal-bini tal-Gvern. Is-Segretarju wieġeb li bħala Kunsill kien issottometta l-applikazzjoni tiegħu għal proġett ta Ħal Farruġ biex ikun hemm embellishment tal-area u anki jinħolqu r-rampi. Din ħa tkun l ewwel fażi u wara jkun hemm żvillup fil-komun. Is-Segretarju wieġeb li kif ikun hemm aktar żvillupi se jinforma fuq dak li jkun qed jiġri.

2.1 Is-Sur. Calleja saqsa fuq is-sleeping policeman li kien hemm darba fi Triq Wied in-Noqor, jekk dawn jistgħux jerġgħu ssiru. Is-Segretarju semma li biex dawn jerġgħu ssiru aħjar jekk ikun hemm applikazzjoni mill-ġdid, peress li din setgħet tneħħiet minħabba xi raġunijiet.

## 3 XOGĦOLIJIET

3.1 Is-Sur. Borg semma li kien kellem lis-sid tal-għalqa (li tinsab maġenb it-taraġ li hemm fuq Triq Wied in-Noqor) biex dan ineħħi l-ġebel li kien tefa' fil-passaġġ.

3.2 Is-Sur. Calleja qal li huwa kellem lis-Sindku biex issiru double yellow lines fejn hemm id-dawriet fi Triq Wied in-Noqor.

3.3 Is-Sur. Borg saqsa x' se jagħmel il-kuntrattur li kien qed inaddaf il-water culverts fejn hemm dik il-biċċa li minnha jinżel l-ilma.

3.4 Is-Sur. Ellul ukoll saqsa fuq x' se jsir fejn jaqa l-ilma li jgħaddi għal culverts. Huwa ssuġġerixxa biex dan min fuq jingħalaq anki permezz ta xibka u jsir forma ta lqugħ biex il-ħmieġ ma jgħaddix ġos sistema tal-water culverts.

## 4 OTHER MATTERS

4.1 Is-Sur. Borg semma li hemm bżonn issir skip quddiem il-blokok peress li mhux qed ikun hemm fejn jarmu.

4.2 Is-Sur. Calleja qal li huwa dispjaċut kif li iskip li nġiebet issa kellha titneħħa minħabba familja waħda. Huwa qal li huwa lest li jagħmel petizzjoni biex din l-iskip terġa tinġieb.

4.3 Is-Sur. Borg qal li huwa ma jaqbilx li ssir petizzjoni fuq skip peress li l-Kumitat Amministrattiv għandu ċerta awtorita u m' għandux iħalli n-nies jimponu x' issir jew le għad detriment tal-oħrajn. Kien hemm qbil mill-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat Amministrattiv biex issir petizzjoni.

4.4 Is-Sur. Calleja semma li hemm xi nies li mhux qed jimxu skont it-tabelli li jgħidu li ma tistax tipparkja bl exhaust pipe lejn il-bankina.

4.6 Is-Sur. Ellul saqsa jekk hux se ssir fence madwar il-bandli, meta se jitwaħħlu t-tabelli biex ma jsirux barbeques fil-bandli u meta se jingħalaq l-aċċess għal playing field min naħa l-oħra.

4.7 Is-Sur. Ellul saqsa fuq in-non slip tape li kellu jsir fit-taraġ fejn hemm il-housing estate peress li huwa ssuġġerixxa biex minflok tape issir non slip tal-aluminium. Ic-chairperson wieġeb li meta fittex fuq non slip tal-aluminium ma sabx min kellu għal bejgħ.

4.8 Is-Sur. Ellul biex il-Kumitat ikellem lil Kappillan biex jingħata premises fejn ikun jista jiltaqa'. Huwa ssuġġerixxa il-kmamar li hemm vojti maġenb il-kappella. Ic-chairperson qal li ma tantx hemm ċansijiet li ningħataw dawn il-kmamar għal użu anki minħabba li diġa kien hemm talba biex jintalab li jsirt parkeġġ organiżżat fil-parti maġenb il-kappella u ma kienx hemm koperazzjoni. Is-Segretarju semma li f' laqgħa li kienet saret ma Dr. Said kien issemma li l-quddiem il-Kumitati se jkollhom premises.

4.10 Is-Segretarju semma li kienet wasal il-ftehim għad devoluzzjoni ta art pubblika ġewwa Ħal Farruġ. Kien hemm diskussjoni fost il-membri peress li l-art li kienet imsemmija fil-kuntratt ma kinitx l-art kollha li kien hemm mitluba. Kien hemm ukoll diskussjonijiet rigward il-prezz li kellu jitħallas fis-sena, peress li huwa għoli.

4.11 Is-Sur. Borg ma qabilx li għandha titħallas kera peress li din se tintuża għal ġid tan-nies u mhux biex ikun hemm profit.

4.12 Is-Segretarju wera it-talba li kienet saret fil-bidu għad devoluzzjoni fejn il-parti adjaċenti li hemm ma din l-art bħalissa ma kinitx mitluba. Huwa qal li se jara x' jista jagħmel biex ikun hemm ftehim aħjar.

4.13 Ic-Chairperson saqsa jekk jistax ikun hemm ċerimonja fejn jingħata Ġieħ Ħal Farruġ.

4.14 Is-Sur. Ellul saqsa jekk kienx hemm xi statement kif se jkun maqsum l-infiq għal Kumitat Amministrattiv għal din is-sena. Is-Segretarju wieġeb li se jkellem id-Dipartiment peress li għad ma kienx hemm allokazzjoni ta kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż għal Kumitat Amministrattiv.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tnejn 21 ta' Frar 2011 fis-6.20 p.m. Ma kienx hemm data proposta dwar meta għandha ssir il-laqgħa segwenti.**

.

Konfermati llum ______________________ 2011.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Raymond Saliba | Michael Portelli |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |